MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 141/2022 LM

**Mildred Marmarà u Yvonne Penza**
*('l-appellati')*

***vs.***

**The Nuance Group (Malta) Ltd (C 2872)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **The Nuance Group (Malta) Ltd (C 2872)**, [minn issa 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'it-Tribunal'], tat-12 ta' Ottubru, 2022 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata], li permezz tagħha laqa' t-talbiet tar-rikorrenti **Mildred Marmarà** u **Yvonne Penza** [hawnhekk 'l-appellati'] u ordna lis-soċjetà appellanta tħallas it-telf li sofrew ir-rikorrenti minħabba diskrepanzi fl-iskala tas-

salarji bejn ħaddiema li kienu jagħmlu l-istess xogħol mal-istess kumpannija, liema telf jammonta fid-differenza fil-pagi għal kull sena sas-sena 2015, u ordna wkoll lis-soċjetà intimata tħallas kumpens lir-rikorrenti għat-trattament diskriminatorju soffert minnhom. It-Tribunal ordna wkoll lis-soċjetà intimata tieħu passi sabiex il-pożizzjoni ta' Mildred Marmarà, li għadha impjegata tas-soċjetà intimata, tiġi regolarizzata skont il-liġi.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnhom quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti spjegaw li Mildred Marmarà kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata minn April 2008, filwaqt li Yvonne Penza kienet ilha impjegata minn Ottubru tal-2010. Spjegaw li fis-snin rilevanti u li fihom huma kienu impjegati mas-soċjetà intimata, huma qatt ma ħadu *increments* fil-paga, minkejja li l-ftehim kollettiv viġenti dak iż-żmien kien jintitolahom għal dan. Qalu wkoll li huma jitħallsu rata ta' paga baxxa aktar minn ta' impjegati oħra fl-istess grad mal-istess kumpannija bi ksur tal-liġi, u huma saru jafu wkoll li *cleaner* impjegata mas-soċjetà intimata titħallas rata ogħla minn dak stipulat fil-ftehim kollettiv, bi preġudizzju għalihom peress li d-*differentials* fis-salarji ma ġewx rispettati. Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jindaga l-każ tagħhom, sabiex jistabbilixxi jekk kienx hemm trattament diskriminatorju u/jew ksur tal-liġi fir-rigward tal-obbligi tal-*employer* li jikkumpensa lill-impjegati b'mod komparabbli għal xogħol ta' valur ugwali, jordna l-ħlas ta' kumpens li għandu jkun tal-anqas dak kollu li tilfu r-rikorrenti tul l-impjieg tagħhom, kif ukoll jordna li għall-futur jittieħdu dawk il-passi kollha neċessarji biex il-pożizzjoni tagħhom tiġi regolarizzata skont il-liġi.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li d-differenza fis-salarji tar-rikorrenti u impjegati oħra fl-istess grad hija riżultat ta' ftehim mal-General Workers Union, [GWU] li tirrappreżenta lill-impjegati kollha tas-soċjetà intimata, inkluż ir-rikorrenti, *ai termini* tal-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Spjegat li permezz ta' ftehim tal-24 ta' Novembru, 2005, is-soċjetà The Mediterrenean Nuance Group Limited (C 36775) akkwistat l-ishma kollha tas-soċjetà Air Malta plc (C 2685) u tal-Malta Air Charter Company Limited fil-kumpannija Air Supplies and Catering Company Limited (C 2872) [minn issa 'Air Supplies']. Qalet li in segwitu għal dan il-ftehim, isem il-kumpannija Air Supplies and Catering Company Limited inbidel għal 'The Nuance Group (Malta) Limited', u *ai termini* tal-artikolu 38 tal-Kap. 452, kif ukoll *ai termini* tal-ftehim kollettiv, is-soċjetà intimata kienet obbligata tirrispetta l-kuntratti tal-impjieg tal-impjegati kollha li kienu jaħdmu mal-Air Supplies, bl-istess kundizzjonijiet ta' impjieg skont il-kuntratti viġenti. Qalet ukoll li l-maġġior parti tal-impjegati tal-Air Supplies kienu ilhom impjegati mal-kumpannija għal bosta snin, u kellhom esperjenza estensiva fix-xogħol. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li l-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-impjegati tal-Air Supplies, b'mod partikolari s-salarji, kienu eċċessivi meta mqabbla mas-salarji tas-suq fl-2005, u dan l-istat ta' fatt kien ta' preġudizzju għall-kompetittività u l-profittabilità tal-kumpannija, li fil-perijodu tat-trasferiment kienet esposta għal sitwazzjoni finanzjarja prekarja, u għalhekk kellhom jittieħdu għadd ta' miżuri biex jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi.

4. Is-soċjetà intimata spjegat li filwaqt li hija kienet kostretta tħallas l-istess salarji eċċessivi lill-impjegati tal-Air Supplies, hija ma setgħetx tħallas l-istess salarji lill-impjegati l-ġodda li kienet ser tingaġġa magħha, għaliex l-impjegati l-

ġodda ma kellhomx l-istess livell ta' *seniority* li kellhom impjegati li kienu ilhom mal-Air Supplies għal diversi snin, ma kellhomx l-istess livell ta' esperjenza, kif ukoll għaliex li kieku s-soċjetà intimata kellha toffri salarji għoljin kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti, din kienet titqiegħed fl-impossibilità li timxi 'l quddiem bi preġudizzju għall-impjegati tal-Air Supplies li kienu ser jispiċċaw bl-impjieg tagħhom mhedded. Qalet li l-ħaddiema tal-Air Supplies kienu membri tal-GWU, u anki l-ħaddiema ġodda li ġew ingaġġati ngħataw l-opportunità li jissieħbu fil-GWU. Qalet li fil-fatt ir-rikorrenti ssieħbu fil-GWU. Is-soċjetà intimata qalet li fid-data tal-ftehim, kien hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-ħaddiema tal-kumpannija Air Supplies, filwaqt li l-ftehim kollettiv għal impjegati ġodda kien għadu ma bediex jiġi negozjat mal-GWU. Spjegat li ftit xhur wara li bdiet l-operat tagħha s-soċjetà intimata, fl-2006 bdew negozjati mal-GWU dwar ftehim kollettiv ġdid, filwaqt li l-ftehim kollettiv viġenti u applikabbli għall-impjegati tal-Air Supplies kien hemm il-ħsieb li jiġġedded stante li kien ser jiskadi fl-2007. Qalet li l-GWU fehmet il-pożizzjoni tas-soċjetà intimata u aċċettat id-differenza fis-salarji fl-interess primarju tal-impjegati kollha tal-kumpannija. Qalet ukoll li kien għalhekk li fl-2010 ġie ffirmat ftehim kollettiv ġdid li kien japplika għall-impjegati kollha, u għalkemm ma kien hemm l-ebda provvediment għal aġġustament eventwali fl-iskali tas-salarji, kien ġie miftiehem li din id-differenza kienet ser tiġi indirizzata u riżolta fil-ftehim kollettiv sussegwenti. Qalet li fl-20 ta' April, 2015 ġie ffirmat il-ftehim kollettiv il-ġdid wara negozjati li damu għaddejjin madwar sena. Fil-laqgħat li ppreċedew l-iffirmar ta' dan il-ftehim, saru laqgħat intensivi bejn is-soċjetà intimata u l-GWU, sabiex tinħoloq sistema ġusta u adegwata li permezz tagħha l-impjegati kollha setgħu jidħlu fl-iskali ta' salarji ġusti u ugwali. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li fil-fatt dan il-mekkaniżmu ġie miftiehem u

inkorporat fil-ftehim kollettiv tal-2015. Is-soċjetà intimata spjegat li l-ħaddiema kollha, inkluż ir-rikorrenti, tħallsu kull ammont spettanti lilhom skont il-ftehim kollettiv applikabbli għalihom. Qalet ukoll li l-impjegata ingaġġata fir-rwol ta' *cleaner* dejjem irċeviet salarju u żidiet skont kif stipulat fil-ftehim kollettiv, u x-xogħol li kienet tagħmel din il-persuna identifikata bħala Marika Grixti, kien jiġġustifika s-salarju tagħha. Qalet li r-rata ta' ħlas fis-siegħa li kienet titħallas din il-*cleaner* kienet skont ir-rata mħallsa lill-*cleaners* fis-suq dak iż-żmien.

**<u>Mertu</u>**

5. Quddiem it-Tribunal ġew ippreżentati kopji tal-ftehim kollettiv applikabbli.

6. Ir-rikorrenti permezz ta' dikjarazzjoni ppreżentata minnhom, spjegaw li huma ma kinux qegħdin jitħallsu l-istess rata ta' salarju bħal ħaddiema oħra li kienu jagħmlu xogħol komparabbli għalihom. Ir-rikorrenti qalu li Yvonne Penza tilfet madwar sittax-il elf Euro, u dan l-ammont huwa fiss għaliex sadanittant hija spiċċat mill-impjieg. Fir-rigward ta' Mildred Marmarà, ir-rikorrenti qalu li t-telf soffert minnha dejjem qiegħed jiżdied għaliex hija għadha fl-impjieg mas-soċjetà intimata, u t-telf tagħha sakemm infetħu dawn il-proċeduri kien jammonta għal madwar tnax-il elf Euro. Ir-rikorrenti qalu wkoll li huma intitolati li jirċievu l-ammont li jiġi stabbilit b'mod aktar preċiż wara s-smigħ tax-xhieda, peress li huma taw servizz li huwa komparabbli, jekk mhux identiku, għas-servizz mogħti minn oħrajn fl-istess kumpannija u li ħadu rata ta' pagi li tissupera ferm dak li tħallsu huma. Ir-rikorrenti qalu li l-liġi applikabbli ma tippermetti l-ebda diskriminazzjoni, u tgħid li għandu jkun hemm ħlas ugwali għal xogħol komparabbli. Qalu wkoll li s-soċjetà intimata ma mxietx b'mod trasparenti meta

ħalliet fis-seħħ żewġ ftehim kollettivi li juru rati ta' pagi differenti għal gradi partikolari, mingħajr ma ġie ċċarat li kien hemm din id-differenza fil-ħlas li qiegħed isir lil ħaddiema differenti.

7. Ir-rikorrenti **Yvonne Penza**, fl-*affidavit* tagħha spjegat li hija bdiet taħdem mas-soċjetà intimata fl-1 ta' Ottubru, 2010 fil-kariga ta' *sales advisor* fuq kuntratt fiss ta' sitt xhur fuq prova ta' tliet xhur. Qalet li bejn l-1 ta' Ottubru, 2010 u l-31 ta' Mejju, 2014 hija kompliet taħdem għoxrin siegħa fil-ġimgħa, u l-kuntratti ta' xogħol tagħha baqgħu jiġġeddu kull sitt xhur. Qalet li fl-1 ta' Ġunju, 2014 hija bdiet taħdem fuq kuntratt ġdid ta' xogħol ta' tletin siegħa fil-ġimgħa, u baqgħet hekk sad-19 ta' April, 2015, meta irtirat mill-impjieg. Qalet li x-xogħol ta' *sales advisor* kien jirrikjedi diversi rwoli ta' bejgħ fil-bini tal-Ajruport, u kemm damet taħdem mas-soċjetà intimata hija baqgħet fl-istess rwoli u tokkupa l-istess grad. Ir-rikorrenti qalet li ftit ġimgħat wara li bdiet fl-impjieg, hija ngħatat kopja tal-ftehim kollettiv viġenti dak iż-żmien, li kien jinkludi l-istruttura tal-pagi, u qalet li dan ma kienx iffirmat. Spjegat li ma kien hemm l-ebda laqgħa min-naħa tal-kumpannija jew min-naħa tal-GWU biex tispjega l-ftehim lill-impjegati. Qalet li kemm damet fl-impjieg mas-soċjetà intimata, hija kienet tingħata kopja tal-*pay slip* f'*envelope* magħluq mis-*supervisor* tagħha, u xi żmien wara bdiet tirċievi l-istess informazzjoni permezz tal-posta elettronika. Qalet ukoll li kemm damet fl-impjieg hija ma kinitx taf kemm kellhom paga sħabha, għajr fil-każ ta' persuna li bdiet fl-impjieg mas-soċjetà intimata fl-istess jum u fl-istess kariga bħalha. Qalet li fil-bidu tal-2015 hija saret taf li kienu bdew negozjati biex jinbidel il-ftehim kollettiv li kien ġie fi tmiemu fil-31 ta' Diċembru, 2014, u saret taf li kien inqala' diżgwid għaliex xi rappreżentanti tal-impjegati kienu saru jafu li kien hemm żewġ

strutturi differenti ta' pagi. Qalet li għalkemm kulħadd kien jagħmel l-istess xogħol skont il-kariga li kien jokkupa, irriżulta li dawk li bdew l-impjieg tagħhom wara li twaqqfet is-soċjetà intimata, kellhom rata ta' paga anqas minn dik ta' ħaddiema oħra li daħlu qabel.

8. **Mildred Marmarà** fl-*affidavit* tagħha spjegat li hija bdiet taħdem mas-soċjetà intimata fl-1 ta' April, 2008 fil-kariga ta' *sales assistant* fuq kuntratt fiss ta' sitt xhur. Qalet li sa mill-bidu tal-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata hija dejjem ħadmet tletin siegħa fil-ġimgħa, u l-kuntratt tagħha dejjem baqa' jiġġedded kull sitt xhur, sakemm għaddew erba' snin, meta l-kuntratt ta' xogħol tagħha ġie wieħed indefinit. Qalet li bejn il-bidu tal-impjieg tagħha f'April tal-2008 sa Novembru 2010, hija qatt ma ngħatat kopja tal-ftehim kollettiv, u lilha ħadd qatt ma spjegalha l-ftehim kollettiv x'jgħid, lanqas ir-rappreżentanti tal-*union* li tagħha hija kienet membru. Qalet li dak iż-żmien hija kienet tirċievi l-*pay slip* tas-salarju f'envelopp issiġillat, u hija qatt ma kienet taf kemm kien is-salarju ta' sħabha. Qalet li hija bdiet tinvolvi ruħha fl-*union,* u darba minnhom lissnet it-tħassib li kellha li kien hemm impjegati li qegħdin jirċievu salarju differenti minn oħrajn, u li *cleaner* mal-kumpannija kellha salarju aktar minnha. Qalet li dak iż-żmien ġie spjegat lilha li dan kien għaliex din il-*cleaner* kienet impjegata ma' dik li kienet Air Supplies. Qalet li inżammet laqgħa fejn ġie stabbilit li kull min beda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata wara l-2005, kellu rata ta' paga anqas minn impjegati oħra li daħlu qabel. Qalet li meta rat hekk u kien evidenti li s-Segretarju tal-*union* ma kienx ser jgħinhom, hija marret id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg ['id-DIER']. Qalet li minn hemm hija saret taf li dawn l-istrutturi differenti ta' pagi jammontaw għal ksur tal-liġi.

9. **Antoine Degiovanni** fix-xhieda tiegħu qal li huwa kien impjegat tal-Air Malta bħala *Coordinator Employee Relations,* u kien jaħdem fid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, u kien jissorvelja l-amministrazzjoni tal-attivitajiet tar-riżorsi umani kemm fl-Air Malta kif ukoll fil-kumpanniji sussidjarji tagħha, fosthom dawk tal-Air Supplies. Ix-xhud spjega li huwa kien beda jinnegozja l-ftehim kollettiv tal-ħaddiema tas-soċjetà intimata, iżda meta ngħata l-inkarigu huwa ntalab biex ma jidħolx fl-istruttura tal-pagi. Qal li n-negozjati fuq il-ftehim kollettiv mal-GWU damu għaddejjin wieħed u tletin xahar. Qal li kien hemm karigi li ngħataw żidiet sostanzjali fis-salarji, filwaqt li kien hemm karigi li raw tnaqqis fis-salarji, jew li ma ħadux żieda.

10. **Ramon Francalanza**, Segretarju tal-UĦM, ippreżenta *workings* li juru d-diskrepanzi fil-pagi li jirriżultaw miż-żewġ ftehim kollettiv esebiti fl-atti. Huwa qal li l-kalkoli esebiti juru kemm kienu qegħdin jaqilgħu pagi attwali r-rikorrenti, u kemm suppost li qalgħu paga skont il-ftehim kollettiv. Huwa qal li kien hemm żmien meta r-rikorrenti raw tnaqqis fis-salarju tagħhom, u t-tnejn li huma bdew jirċievu salarju li huwa inqas minn dak li jipprovdi għalih il-ftehim kollettiv. Qal ukoll li l-pagi tar-rikorrenti qatt ma kienu jaqblu ma' dak li jipprovdu għalih il-ftehim kollettivi li ġew negozjati.

11. **Anthony Azzopardi**, Assistent Direttur fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi, spjega li minn riċerka li huwa għamel, irriżulta li fit-23 ta' Diċembru, 2014 kien sar rapport mir-rikorrenti li kienu marru d-DIER għaliex bdew isostnu li kienu qegħdin jitħallsu rati ta' pagi differenti minn ta' ħaddiema oħra fl-istess grad u li jagħmlu l-istess xogħol mal-istess kumpannija.

12. Fit-12 ta' April, 2018, is-soċjetà intimata ressqet risposta ulterjuri, fejn eċċepiet li t-Tribunal għandu jiddikjara t-talba tar-rikorrenti għal ħlas, hija parzjalment preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16.

13. **Oswin Farrugia**, *financial controller* tas-soċjetà intimata f'dikjarazzjoni ġuramentata ppreżentata minnu, qal li s-soċjetà intimata m'għandha tagħti xejn lir-rikorrenti għaliex dawn tħallsu għax-xogħol kollu li għamlu għas-soċjetà intimata.

14. Ir-rikorrenti **Mildred Marmarà** ppreżentat *affidavit* ieħor fejn spjegat li sa Settembru tal-2010 hija qatt ma kellha kopja tal-ftehim kollettiv. Qalet li b'riżultat tal-ftehim kollettiv li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 2010, hija baqgħet tagħmel l-istess xogħol li kienet ilha tagħmel mill-1 ta' April, 2008 meta bdiet taħdem mas-soċjetà intimata, iżda t-titolu tagħha inbidel għal dak ta' *sales advisor.* Qalet li lejn l-aħħar tas-sena 2010, hija rċeviet kopja mhux iffirmata tal-ftehim kollettiv għall-perijodu bejn Settembru 2010 u Diċembru 2014, u żiedet tgħid li s-soċjetà intimata qatt ma laqqgħet lill-impjegati sabiex tispjegalhom x'kien jgħid il-ftehim, u lanqas il-GWU jew xi rappreżentant tagħha ma laqqa' lill-impjegati, minkejja li l-ftehim kollettiv daħal fis-seħħ. Qalet li minn meta bdiet fl-impjieg fl-1 ta' April, 2008 sa Novembru tal-2014, hija ma kinitx taf kemm kien is-salarju tal-impjegati l-oħra, u dan għaliex għall-perijodu bejn April 2008 u Ottubru 2010 hija qatt ma kellha kopja tal-ftehim, filwaqt li għall-perijodu bejn Ottubru 2010 u Novembru 2014, mingħajr ħadd ma nduna, kien hemm ftehim kollettiv differenti għall-ħaddiema li daħlu fl-impjieg wara Novembru 2005 minn dak li kellhom impjegati li kienu jaħdmu mal-kumpannija qabel. Qalet ukoll li hija nvolviet ruħha fl-attività trejdunjonistika fl-2013, u f'Novembru tal-2014 hija bdiet tattendi għal-laqgħat

preparatorji li saru sabiex jitfassal il-ftehim kollettiv il-ġdid. Qalet ukoll li qabel waħda minn dawn il-laqgħat, impjegata li kienet daħlet mal-kumpannija qabel Novembru tal-2005 kienet talbitha l-għajnuna tagħha, u urietha kopja tal-ftehim kollettiv li jkopri l-perijodu bejn l-2010 u l-2014, u kien hemmhekk li hija saret taf li hemm żewġ strutturi ta' pagi differenti. Kompliet tispjega li f'waħda mil-laqgħat li saru, kien ġie stabbilit li minkejja li l-impjegati kollha tas-soċjetà intimata kienu qegħdin jagħmlu l-istess xogħol, il-ħaddiema li daħlu jaħdmu mas-soċjetà intimata wara l-2005 kellhom rati ta' pagi differenti minn ħaddiema oħra fl-istess grad li kienu jaħdmu mal-kumpannija qabel. Qalet li fi tmiem il-laqgħa s-Segretarju tal-*union* kien qal li kien evidenti li kien hemm xi taħwida, iżda l-*union* ma kellhiex tinżamm responsabbli għal dan. Qalet ukoll li kien għalhekk li hija marret id-DIER, minn fejn saret taf li dawn iż-żewġ strutturi differenti ta' pagi saru bi ksur tal-liġi. Ir-rikorrenti qalet li wara li ntemmu n-negozjati dwar il-ftehim kollettiv il-ġdid, is-Segretarju tal-*union* għamel laqgħa fejn talab lill-impjegati japprovaw il-ftehim kolettiv il-ġdid, iżda waqt din il-laqgħa ma tqassam l-ebda abbozz tal-ftehim u ma ngħataw l-ebda dettalji dwar l-istrutturi tal-pagi. Qalet li kull impjegat ingħata biċċa karta bid-dettalji tal-paga tiegħu biss, u ħadd ma qal xejn iżjed, iżda li s-Segretarju tal-*union* kien spjega fil-qosor x'kien ġara bil-ftehim kollettiv preċedenti, u qal li min ried jieħu passi seta' jirreferi l-każ tiegħu lit-Tribunal Industrijali. L-istess dettalji ngħataw mir-rikorrenti **Yvonne Penza** f'*affidavit* ulterjuri ppreżentata minnha.

15. Waqt il-kontro-eżami ta' Mildred Marmarà, hija spjegat li meta daħlet taħdem mal-kumpannija fl-2008 hija ma ngħatatx kopja tal-ftehim kollettiv, u fl-2010 hija ngħatat il-kopja tal-ftehim kollettiv li ngħatat lil kull impjegat. Qalet li

hija ndunat bid-diskrepanzi fil-pagi li qegħdin jitħallsu ħaddiema li jagħmlu l-istess xogħol, meta waħda mill-impjegati tal-kumpannija kellha kwistjoni ta' dixxiplina, u din urietha kopja tal-ftehim kollettiv li kellha f'idejha.

16. **Charles Agius**, li kien involut fil-GWU fit-taqsima tal-marittimu u l-avjazzjoni, xehed li huwa kien involut fit-tfassil tal-ftehim kollettiv viġenti bejn l-2010 u l-2014. Huwa kkonferma li meta kien hemm it-*transfer of undertaking* u l-Air Supplies ġiet akkwistata mis-soċjetà intimata, il-ħaddiema li kienu jaħdmu mal-Air Supplies kienu żammew il-kundizzjonijiet li kellhom qabel, inkluż il-pagi, filwaqt li l-impjegati l-ġodda li ddaħħlu jaħdmu mas-soċjetà intimata bdew jieħdu salarju inqas. Qal li bħala prassi, wara li jsiru negozjati għal ftehim kollettiv, normalment tinżamm laqgħa għall-ħaddiema fejn il-ftehim kollettiv jiġi spjegat lill-membri, sabiex imbagħad jittieħed vot. Qal li dak iż-żmien kienu saru żewġ laqgħat għall-ħaddiema u l-maġġoranza tagħhom kienu approvaw il-ftehim propost. Qal li waqt il-laqgħat li saru ma kienet issir l-ebda distinzjoni bejn impjegati li kienu mal-kumpannija qabel l-2005 u l-impjegati l-ġodda.

## Id-Deċiżjoni Appellata

17. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2022, it-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ordna lis-soċjetà intimata tħallas it-telf li sofrew ir-rikorrenti, liema telf jammonta fid-differenza fil-pagi għal kull sena sal-2015, kif ukoll kumpens għat-trattament diskriminatorju soffert mir-rikorrenti. It-Tribunal ordna wkoll li s-soċjetà intimata għandha tieħu dawk il-passi kollha neċessarji sabiex il-pożizzjoni ta' Mildred Marmarà tiġi regolarizzata skont il-liġi, filwaqt li llikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti fl-ammont ta' €15,000 lil

Yvonne Penza u €17,000 lil Mildred Marmarà, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Fir-rigward tal-kwistjoni odjerna mqajma mir-rikorrenti rigwardanti l-prinċipju tal-*equal pay, *it-Tribunal jagħmel riferenza għall-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta: "*Impjegati fl-istess klassi ta' impjieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali. B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew union ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit. B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impjieg ibbażata fuq trattament diskriminatorju mod ieħor milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra tkun nulla u bla effett."

*Iż-żewġ rikorrenti jisħqu illi huma tħallsu salarju b'rati ferm inqas minn dawk li kienu jitħallsu l-kollegi tagħhom li kienu ilhom impjegati mas-soċjetà intimata sa minn qabel l-2005, ossia qabel l-ishma tal-impriża ġew ilkoll trasferiti lilha.*

*Ix-xhud Ramon Francalanza, Segretarju fi ħdan il-UĦM, ippreżenta kalkoli ddettaljati li juru d-diskrepanzi tal-pagi applikabbli għall-impjegati li kienu ingaġġati mas-soċjetà intimata sa minn qabel l-2005, u r-rati li tħallsu bihom ir-rikorrenti. Ġew ippreżentati wkoll kopji tal-ftehim kollettiv applikabbli għaż-żmien in kwistjoni, fejn fl-appendiċi tal-istess ftehim jidhru biċ-ċar id-diskrepanzi stabbiliti bejn il-pagi ta' Sales Advisors (ex-Sales Assistants) li kienu mal-kumpannija sa minn qabel l-2005, u dawk li ġew ingaġġati wara l-2005. Għal kull buon fini, għandu jingħad illi dawn il-komputazzjonijiet fl-ebda mument ma ġew innegati jew b'xi mod jew ieħor ikkontestati mis-soċjetà intimata.*

*Huwa minnu li l-liġi tindika illi permezz ta' ftehim kollettiv huwa permess illi jkun hemm skala ta' pagi differenti għal impjegati illi jiġu ingaġġati fi żminijiet differenti, naturalment abbażi tal-esperjenza, senjorità u lealtà tagħhom lejn is-soċjetà in kwistjoni. Madanakollu l-liġi hija wkoll espressament ċara fejn tgħid li dawn l-iskali għandhom ikollhom "*massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit.".

*F'dan il-każ huwa ċar illi l-iskali tal-pagi ta' bejn is-Sales Advisors ingaġġati qabel l-2005, u wara l-2005, ivarjaw b'mod assolut mingħajr l-ebda possibilità illi anke jekk dawk ingaġġati wara l-2005 jilħqu l-ogħla skala ta' pagi possibbli għalihom, xorta waħda lanqas biss jilħqu l-ewwel skala ta' paga (ossia dik l-aktar baxxa) ta' dawk*

*ingaġġati qabel l-2005. Di fatto, l-ogħla paga possibbli għal Sales Advisors ingaġġati wara l-2005, fuq l-iskala 'Basic + 9' hija €5.93 fis-siegħa, filwaqt li saħansitra l-iktar paga baxxa għal Sales Advisors ingaġġati qabel l-2005, fuq l-iskala 'Basic' hija €6.48 fis-siegħa, kważi €0.50 aktar fis-siegħa mill-ogħla skala ta' pagi possibbli għall-grupp l-ieħor ta' impjegati.*

*Għaldaqstant joħroġ biċ-ċar illi mhux talli hemm diskrepanza sinifikanti fil-pagi tas-*Sales Advisors (ex-Sales Assistants) *abbażi ta' meta ġew ingaġġati mas-soċjetà intimata, iżda saħansitra dawk ingaġġati wara l-2005 lanqas biss jilħqu l-aktar skala ta' paga baxxa ta' dawk ingaġġati qabel l-2005, u dan bi ksur tal-proviżjoni surriferita.*

*Il-punti surriferiti jkomplu jissaħħu aktar u aktar permezz tax-xhieda ta' Antoine Degiovanni (ex-konsulent mas-soċjetà intimata) u ta' Oswin Farrugia (general manager tas-soċjetà intimata), li t-tnejn minnhom jisħqu li d-diskrepanzi fil-pagi taż-żewġ gruppi ta' impjegati kienet intenzjonata stante li l-pagi ta' qabel it-trasferiment tal-ishma fl-2005 kienet minfuħa u mhux sostenibbli f'dak iż-żmien. Fuq kollox, minkejja li s-soċjetà intimata ddikjarat illi l-motivi tad-diskrepanzi kienu ġġustifikati abbażi ta' senjorità, ma ġabu l-ebda prova dwar kif tali sistema għandha tinħadem fir-rigward tal-perijodu ta' snin li impjegat kien ilu ingaġġat mas-soċjetà.*

*In konsiderazzjoni ta' dan kollu, it-Tribunal jikkunsidra wkoll illi r-rikorrenti jisħqu li ma kinux ġew ikkonsultati dwar l-ebda diskrepanza fl-iskaletta ta' pagi, tant illi ma kinux konxji ta' dawn id-diskrepanzi qabel saru jafu bihom b'kumbinazzjoni. Ir-rappreżentant tal-GWU Charles Attard meta mistoqsi dwar il-ftehim kollettiv in kwistjoni ma wera l-ebda prova ta' minuti jew dokumentazzjoni oħra min-naħa tal-Union sabiex tikkumbatti dawn l-allegazzjonijiet. Inoltre, irrefera għal sitwazzjoni simili fir-rigward tat-Tarzna fejn kien hemm impjegati b'pagi differenti, f'liema istanza intlaħaq ftehim fejn l-impjegati jżommu l-pagi tagħhom iżda jkun hemm* increments *regolari sakemm wara ċertu żmien il-pagi jekwiparaw ruħhom. Di fatto, dan jinkwadra l-intenzjoni tal-ewwel proviso tal-artikolu 27 tal-Kap. 452, li ċarament ma ntlaħaqx fil-kwistjoni odjerna. Anzi minn hekk, ġie kkonfermat mix-xhud surriferiti illi s-soċjetà intimata ma setgħet bl-ebda mod tlaħħaq mal-pagi applikabbbli fl-2005, li kieku ma bdietx tagħti pagi iżjed baxxi lill-impjegati ġodda.*

*Il-fatt li s-soċjetà ffirmat żewġ ftehim kollettivi differenti għall-impjegati aktar jikkonvinċi lit-Tribunal li dak li saħqu r-rikorrenti, u ċioe li qatt ma ġew ikkonsultati u lanqas ma kienu jafu bid-differenzi fil-pagi huwa minnu. It-Tribunal filwaqt li jifhem li l-pagi tal-impjegati eżistenti ma jistgħux jintmessu ma jistax jaċċetta li impjegati ġodda ma jistgħu qatt jilħqu l-pagi tal-impjegati 'l-antiki' meta dawn qegħdin*

*jagħmlu xogħol li mhux talli huwa ta' valur ugwali imma huwa l-istess xogħol. L-argument tas-soċjetà li dejjem iddiskutiet mal-unjin u għamlet dak kollu bil-barka tal-istess unjin żgur ma jeżonerax lis-soċjetà mill-obbligi legali tagħha.*

***Deċiżjoni***

*Wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti prodotti mill-partijiet, u kkunsidra l-każ it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lis-soċjetà intimata tħallas it-telf li sofrew ir-rikorrenti liema telf jammonta fid-differenza fil-pagi għal kull sena sas-sena 2015 kif ukoll kumpens għat-trattament diskriminatorju soffert mir-rikorrenti. Is-soċjetà għandha wkoll tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex il-pożizzjoni ta' Mildred Marmarà tiġi skont il-liġi.*

*Għaldaqstant il-kumpens dovut lil **Yvonne Penza** huwa ta' **ħmistax-il elf ewro (€15,000)** u l-kumpens dovut lil **Mildred Marmarà** huwa ta' **sbatax-il elf ewro (€17,000)** liema ammonti għandhom jitħallsu mis-soċjetà fi żmien sitt ġimgħat mid-data tad-deċiżjoni."*

## L-Appell

18. Is-soċjetà intimata ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-21 ta' Ottubru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza *in parte* tat-28 ta' Ottubru, 2020 li permezz tagħha t-Tribunal Industrijali ma laqax l-eċċezzjoni preliminari tagħha li l-parti tat-talba tar-rikorrenti li teċċedi t-tmintax-il xahar mid-data tal-preżentata tar-rikors quddiem it-Tribunal hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16; u/jew tħassar is-sentenza finali tat-12 ta' Ottubru, 2022, u għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta, u tiddikjara li xejn m'huwa dovut lill-appellati.

19. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għad-deċiżjoni *in parte* tat-28 ta' Ottubru, 2020, u qalet li t-Tribunal iddeċieda b'mod żbaljat li l-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16 ma japplikax għall-vertenza odjerna, u dan stante li din kienet kawża dwar trattament diskriminatorju fejn ir-rikorrenti kkontendew li impjegati oħra

fl-istess grad kienu qegħdin jitħallsu b'rati ogħla minnhom. It-Tribunal ikkonkluda li għalhekk il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ma tapplikax għaċ-ċirkostanzi odjerni. Is-soċjetà appellanta qalet li sussegwentement, it-Tribunal iddeċieda li hija għandha tħallas lill-appellati għat-telf li sofrew, liema telf jammonta għad-differenza fil-pagi għal kull sena sal-2015, li huwa l-perijodu li s-soċjetà appellanta qalet li huwa suġġett għall-preskrizzjoni. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta qal li l-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16 ma japplikax għaċ-ċirkostanzi odjerni, meta jirriżulta ampjament li din hija kawża dwar id-differenza fil-ħlas tas-salarji. Qalet ukoll li mill-provi prodotti mill-appellati, għandu jirriżulta li dawn iffukaw fuq id-diskrepanza fi-ħlas, kif wara kollox ikkonferma t-Tribunal. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-azzjoni tar-rikorrenti setgħet tinġieb mill-ewwel u li ma kien hemm xejn li ġie moħbi lilhom, għalkemm fix-xhieda tagħhom dawn qalu li huma ma kinux jafu bid-diskrepanza fis-salarji, u dan meta huwa ovvju li Marmarà kienet taf bħala *shop steward* tal-*union.* Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk huwa ovvju li din l-azzjoni nġabet tardivament, u l-kumpens li ħaqqhom l-appellati m'għandux imur oltre t-tmintax-il xahar mid-data li fiha ppreżentaw ir-rikors peress li ma kien hemm l-ebda interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv.

20. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll bid-deċiżjoni finali tat-Tribunal, fejn dan illikwida l-kumpens soffert mill-appellati u ffissa kumpens fl-ammonti ta' €15,000 u €17,000. Qalet li din hija deċiżjoni infondata u għandha tiġi mħassra. Qalet li huwa minnu li kienu jeżistu żewġ strutturi ta' pagi għal perijodu definit, fejn l-impjegati kienu jitħallsu ammonti differenti għall-istess xogħol. Qalet li din is-sitwazzjoni ilha li ġiet indirizzata għaliex

preżentement kulħadd qiegħed jitħallas l-istess, u għalhekk il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal li tgħid li l-pożizzjoni ta' Mildred Marmarà għandha tiġi regolarizzata skont il-liġi, hija kompletament superfluwa. Qalet li fil-fatt għandu jirriżulta mix-xhieda ta' Oswin Farrugia, Kap Eżekuttiv tagħha preżenti, li llum teżisti struttura waħda ta' salarji, u għalhekk kemm Marmarà kif ukoll Penza jaqgħu taħt l-istess struttura ta' salarji bħall-impjegati l-oħra. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li kuntrarjament għal dak li ddeċieda t-Tribunal, il-fattispeċie tal-każ jinkwadraw ruħhom taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li prinċipal u ħaddiem jew *union* ta' ħaddiema jistgħu, b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv, jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti. Qalet li għalhekk huwa ċar li l-prinċipju tal-*equal pay for equal work* fil-liġi Maltija jippermetti eċċezzjoni fil-każ li jkun hemm ftehim kollettiv u l-ftehim jipprovdi għal skali li jintlaħqu wara żmien stabbilit, bħal ma ġara f'dan il-każ.

21. Is-soċjetà appellanta saħqet li l-eżistenza ta' żewġ strutturi ta' pagi tnisslet mill-fatt li permezz tal-ftehim tal-25 ta' Novembru, 2005, l-ishma kollha tas-soċjetà Air Supplies ġew akkwistati minn Mediterrenean Nuance Group Limited, u sussegwentemnet l-isem tas-soċjetà Air Supplies inbidel għal The Nuance Group (Malta) Limited, b'dan li s-soċjetà appellanta akkwistat l-avvjament u l-attività tas-soċjetà li hija ssostitwiet. Qalet li fis-26 t'Awwissu, 2010 sar ftehim kollettiv bejn is-soċjetà appellanta u l-Maritime and Aviation Section tal-GWU, li kien fis-seħħ bejn l-1 ta' Settembru, 2010 u l-31 ta' Diċembru, 2014, u dan il-ftehim kien jirregola l-iskali tal-pagi tal-impjegati tas-soċjetà appellanta. Spjegat li Mildred Marmarà bdiet taħdem magħha fl-2008, filwaqt li Yvonne Penza ġiet

impjegata magħha fl-2010, u ż-żewġ appellati t-tnejn li huma ddikjaraw li l-ftehim kollettiv ingħata lil kulħadd fl-2010, inkluż lilhom, u għalhekk l-eżistenza u l-kontenut ta' dan il-ftehim kien jinkludi l-informazzjoni kollha dwar l-iskala tas-salarji. Qalet li r-rata li biha kienu jitħallsu l-appellati hija dik stipulata fil-ftehim kollettiv viġenti, u din ir-rata kienet ser tawmenta abbażi tal-ftehim kollettiv il-ġdid, liema ftehim ġie ffirmat fl-20 ta' April, 2015 u ġie muri lilhom, kif ikkonfermat minn Oswin Farrugia fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' Jannar, 2021. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa ċar li l-prinċipju ta' *equal pay for equal work* fil-liġi Maltija jippermetti eċċezzjoni fil-każ li jkun hemm ftehim kollettiv, u dan ikun jipprovdi għal skali li jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit, bħal ma kien hemm fil-każ odjern. Qalet li minn dak iż-żmien 'l hawn dawk l-iskali ntlaħqu, u llum il-ġurnata l-impjegati kollha qegħdin fl-istess skala ta' salarju, u għalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 27 tal-Kap. 452. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-appellati tħallsu dak kollu li huwa dovut lilhom skont il-liġi u skont il-ftehim kollettiv viġenti.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

22. L-appellati fir-risposta tagħhom wieġbu li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma. L-appellati ssollevaw punt proċedurali għaliex fil-fehma tagħhom l-appell intavolat mis-soċjetà appellanta huwa improponibbli għaliex il-liġi applikabbli fid-data li fiha ġie intavolat l-appell, ma tinkwadrax appell minn deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I tal-Kap. 452 jew ta' regolamenti preskritti taħtu. L-appellati qalu li l-artikolu 82 tal-Kap. 452 kien jistabbilixxi li f'kawżi ta' tkeċċija inġusta u f'każijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu

75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi. Qalu li l-każ tagħhom jaqa' taħt l-Artikolu 75(1)(ċ) u mhux taħt l-Artikolu 75(1)(a) u (b) u li għalhekk is-soċjetà appellanta ma setgħetx tressaq dan l-appell. Spjegaw li huma kienu impjegati tas-soċjetà appellanta u li meta bdew jaħdmu mas-soċjetà appellanta huma ma kinux ingħataw kopja tal-ftehim kollettiv viġenti. Qalu li kien biss lejn l-aħħar tal-2010 li Mildred Marmarà ngħatat kopja mhux iffirmata tal-ftehim li kien viġenti bejn l-2010 u l-2014. Qalu li huma ma kinux jafu x'pagi kellhom sħabhom għaliex ħadd ma kien jitkellem dwar dan is-suġġett, iżda maż-żmien beda jitqanqal is-suspett li kien hemm xi diskrepanzi fil-pagi li jitħallsu lill-impjegati.

23. Qalu li kien biss fl-2014 li huma kellhom l-opportunità li jqabblu kopji mhux iffirmati taż-żewġ dokumenti, minn fejn irriżulta li verament kien hemm diskrepanzi fil-pagi. Qalu li f'Novembru tal-2014 huma marru jieħdu parir tad-DIER, minn fejn ma ngħataw l-ebda rimedju, u kien għalhekk li fit-13 t'April, 2015 huma rreferew il-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali.

24. B'riferiment għall-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, l-appellati qalu li huwa assolutament inveritier li jingħad li huma kienu jafu bid-differenza fir-rati tal-pagi, u huma ħadu azzjoni immedjata meta saru jafu b'din id-diskriminazzjoni. Qalu li t-Tribunal Industrijali kien fl-aħjar pożizzjoni biex jikkonferma dan, u din hija kwistjoni ta' mertu u mhux ta' liġi.

25. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellati qalu li mhux ċar dan l-aggravju x'inhu, għaliex l-argumenti tal-appellanta jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni u mhux punti ta' liġi. Qalu li t-Tribunal ħa deċiżjoni fuq fatti li rriżultawlu mill-provi u applika d-diskrezzjoni fdata lilu bil-liġi għal dawk l-istess

fatti fir-rigward tal-apprezzament tal-provi. L-appellati qalu li l-istqarrija tal-appellanta li l-pożizzjoni ta' Mildred Marmarà ġiet regolarizzata, hija superfluwa għaliex mill-provi jirriżulta li l-appellanta għal snin sħaħ kisret l-obbligi legali tagħha fil-konfront tagħhom. L-appellati għamlu riferiment ukoll għal dak li jgħid l-artikolu 27 tal-Kap. 452, u qalu li s-sitwazzjoni hawnhekk hija waħda fejn impjegati ma kellhomx idea dwar strutturi ta' pagi distinti, u li kieku huma ma sarux jafu b'dan, kienu jibqgħu fl-istess sitwazzjoni. Qalu li d-diskrepanza fil-pagi nżammet mistura minnhom, u huwa għalhekk li s-soċjetà appellanta qegħda issa tgħid li huma kienu ngħataw kopja tal-ftehim kollettiv tal-2010, iżda dan mhuwiex minnu għaliex huma qatt qabel ma ġew mgħarrfa b'din id-distinzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

26. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, flimkien mat-tweġiba tal-appellati, u dan filwaqt li tqis ukoll l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata. Imma qabel xejn il-Qorti sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet proċedurali mressqa mill-appellati.

27. Fir-risposta tagħhom l-appellati jgħidu li meta huma ppreżentaw il-każ tagħhom quddiem it-Tribunal Industrijali, jiġifieri fl-10 ta' April, 2015, il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx jikkontempla dritt ta' appell fil-każijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali skont l-artikolu 75(1)(ċ) tal-Kap. 452. Il-Qorti tirrileva li bl-emendi li saru permezz tal-Att LVIII tal-2020, dak li kien il-paragrafu (b) tal-artikolu 75(1) tal-Kap. 452 ġie enumerat mill-ġdid bħala

paragrafu (ċ), u għalhekk id-dispożizzjoni tal-liġi li kienet tgħid li t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal bis-saħħa tat-Titolu I tal-Kap. 452 jew tar-regolamenti magħmula taħtu, fl-10 ta' April, 2015 kienet tifforma parti mill-Kap. 452. L-Att XX tal-2022 imbagħad emenda l-artikolu 82 tal-Kap. 452 billi l-kliem *"skont l-artikolu 75(1)(a) u (b)"* ġew sostitwiti bil-kliem *"skont l-artikolu 75(1)(a) (b) u (ċ)"*. L-artikolu 75(1)(ċ) ra biss bidla fl-enumerazzjoni tiegħu, u ħlief għall-perijodu bejn meta ġie fis-seħħ l-Att LVIII tal-2020, sakemm ġie fis-seħħ l-Att XX tal-2022, dejjem kien hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi f'każijiet li jaqgħu taħt l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi.

Barraminnhekk l-appellati jgħidu wkoll li l-każ tagħhom jaqa' taħt l-artikolu 75(1)(ċ) tal-Kap. 452, u li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għandhom isiru biss fuq punti ta' liġi deċiżi mit-Tribunal. Il-Qorti tibda mill-ewwel billi tosserva li fil-każ odjern ċertament li hemm appell fuq punt ta' liġi fir-rigward ta' jekk għandux japplika l-perijodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar jew le, u għalhekk ma jistax jingħad li l-appell tas-soċjetà appellanta mhuwiex ammissibbli għaliex ma sarx fuq punt ta' liġi. Hemm ukoll punt ta' liġi sollevat fir-rigward tat-tifsira tal-prinċipju *equal pay for equal work,* u tal-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant l-eċċezzjonijiet preliminari sollevat mill-appellati qegħdin jiġu miċħuda.

*L-ewwel aggravju:* *il-perijodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar*

28. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li f'dan il-każ kellu japplika l-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid illi l-appellati kienu ilhom jafu bid-

diskrepanzi fir-rati tal-pagi u fl-iskali applikabbli għaliex kienu ilhom li ngħataw kopja tal-ftehim kollettiv mill-2010, iżda huma m'għamlu xejn dwar dan. Tgħid li l-azzjoni tal-appellati għall-ħlas tas-salarju dovut lilhom kellha taqa' wara tmintax-il xahar, u għalhekk huma m'għandhomx jirċievu ħlas għall-perijodu kollu li dwaru t-Tribunal iddeċieda li huma kienu qegħdin jiġu diskriminati, għaliex almenu parti mit-talba tagħhom hija preskritt.

29. Il-Qorti tqis li l-perijodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar mhuwiex applikabbli għall-każ odjern, għaliex il-fatti juru li ma kien hemm l-ebda perijodu preskrittiv li ddekorra. L-allegazzjoni li qegħda tagħmel is-soċjetà appellanta li almenu waħda mill-appellati Mildred Marmarà kellha f'idejha kopja tal-ftehim kollettiv sa mill-2010, ma ġietx ippruvata. L-appellati t-tnejn li huma qalu li meta bdew fl-impjieg mas-soċjetà appellanta, huma ma ngħatawx kopja tal-ftehim kollettiv, u minkejja li Marmarà kisbet kopja mhux iffirmata tal-imsemmi ftehim fl-2010, hija ma kinitx f'qagħda li tqabbel ir-rati tas-salarju sabiex tikkonferma jekk kienx hemm xi diskrepanza bejn dak li kienet qegħda tirċievi hi u dak li kienu qegħdin jitħallsu ħaddiema oħra fl-istess grad u li kienu qegħdin jagħmlu l-istess xogħol. Mill-provi jirriżulta li s-soċjetà appellanta aċċettat sitwazzjoni fejn għal perijodu ta' żmien kien hemm żewġ ftehim kollettivi applikabbli għall-ħaddiema tal-istess kumpannija, wieħed li kien japplika għall-ħaddiema li kienu ingaġġati mal-kumpannija qabel l-2005, u ieħor li kien japplika għall-ħaddiema li ġew ingaġġati direttament mis-soċjetà appellanta wara l-2005. Il-fatt li l-appellati ngħataw jew kisbu kopja tal-ftehim kollettiv li kien japplika għalihom, ma jfissirx li huma kienu jafu li kien hemm ftehim kollettiv ieħor li jirregola s-sitwazzjoni ta' ħaddiema sħabhom li kienu ilhom fl-impjieg tas-soċjetà appellanta minn qabel l-2005. Kif

xeħdu l-appellati, huma kienu jafu biss kemm kien is-salarju tagħhom, u d-dħul tal-impjegati tas-soċjetà appellanta, ma kienx suġġett li jiġi diskuss bejn l-impjegati. Kien biss wara li l-appellata involviet ruħha fit-trejdunjoniżmu li b'kumbinazzjoni ngħatat kopja tal-ftehim kollettiv minn impjegata li kienet qegħda tiffaċċja proċeduri dixxiplinarji, li saret taf li kien hemm tali diskrepanzi. Fil-fatt Marmarà tgħid li hija mill-ewwel fittxet li tiċċara s-sitwazzjoni tagħha ma' rappreżentant tal-*union* li ammetta li kien hemm din l-anomalija, u wara fittxet l-għajnuna tad-DIER, sakemm f'April tal-2015 ġew istitwiti il-proċeduri odjerni. Dan ifisser li bejn meta l-appellati ġew infurmati b'dawn id-diskrepanza fl-istruttura tal-pagi, u għalhekk kien possibbli għalihom li jieħdu azzjoni sabiex tiġi rranġata s-sitwazzjoni li sabu ruħhom fiha, u meta huma fetħu l-proċeduri quddiem it-Tribunal, ma kienx hemm trapass ta' tmintax-il xahar kif qegħda tallega is-soċjetà appellanta. Huwa għalhekk li l-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà appellanta ma tapplikax. Meta l-appellati resqu l-każ tagħhom quddiem it-Tribunal, huma għamlu dan għaliex ħassewhom diskriminati fuq il-post tax-xogħol tagħhom, wara li ġie stabbilit li ħaddiema oħra mal-istess kumpannija li kienu qegħdin jagħmlu l-istess xogħol bħalhom, kienu qegħdin jieħdu rata ta' salarju aktar vantaġġuża minn tagħhom. Fit-talba tagħhom lit-Tribunal, huma talbu li jiġi likwidat l-kumpens li huwa dovut lilhom minħabba f'dawn id-diskrepanzi, u fil-fatt ġie deċiż li dak li ġie allegat mill-appellati huwa minnu, u ġie likwidat il-kumpens li huwa dovut minħabba f'hekk. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament tat-Tribunal, u għalhekk qegħda tiċħad l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta.

*It-tieni aggravju:* *l-artikolu 27 tal-Kap. 452*

30. Is-soċjetà appellanta tammetti li għal perijodu ta' żmien hija kellha żewġ strutturi differenti ta' salarji, iżda dan sar għal perijodu definit, u s-sitwazzjoni tal-impjegati tagħha ilha li ġiet regolarizzata, b'tali mod li fil-preżent il-ħaddiema kollha tagħha qegħdin jirċievu l-istess rata ta' paga. Qalet li għalhekk it-Tribunal kien superfluwu meta ddeċieda li l-pożizzjoni ta' Mildred Marmarà għandha tiġi regolarizzata skont il-liġi. Qalet ukoll li l-artikolu 27 tal-Kap. 452 jipprovdi għal sitwazzjoni fejn prinċipal u ħaddiem jew *union* ta' ħaddiema jistgħu jaqblu fuq skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti bis-saħħa ta' ftehim kollettiv, u li għalhekk il-liġi Maltija tippermetti eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' *equal pay for equal work.*

31. Skont l-artikolu 27 tal-Kap. 452:

> "Impjegati fl-istess klassi ta' impjieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali:
>
> B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew *union* ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati, fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit; u
>
> B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impjieg ibbażata fuq trattament diskriminatorju mod ieħor milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra tkun nulla u bla effett."

32. Il-prinċipju bażilari għalhekk huwa li ħaddiema fl-istess klassi ta' impjieg u li jagħmlu l-istess xogħol għandhom jitħallsu bl-istess rata. Il-liġi Maltija tippermetti eċċezzjoni għal dan il-prinċipju f'każ biss li jkun hemm qbil bejn il-

ħaddiem jew il-*union* li tirrappreżentah, u l-prinċipal, dwar skali ta' salarji jew kundizzjonijiet differenti li jkunu japplikaw għal ħaddiema li jidħlu fl-impjieg fi żmien differenti, iżda bil-premessa li dawn l-iskali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit. Fil-każ odjern jirriżulta li la l-ħaddiema nfushom u lanqas l-*union* li tirrappreżentahom, ma kienu jafu u wisq inqas qablu li ħaddiema li daħlu fl-impjieg tal-kumpannija wara l-2005 kienu qed jitħallsu rata ta' paga li kienet inqas minn dik li kienu jirċievu ħaddiema li kienu ilhom ingaġġati mal-kumpannija minn qabel l-2005. Il-Qorti tqis li t-Tribunal għamel eżerċizzju korrett, għalkemm dan huwa l-mertu u jirriżulta mill-fatti, fejn iddetermina li l-appellati ma setgħu qatt jilħqu l-massimu tas-salarju li kienu qegħdin jirċievu ħaddiema oħra tal-kumpannija fl-istess grad u għall-istess xogħol, u huwa għalhekk li t-Tribunal iddeċieda li s-soċjetà appellanta ma kinitx qiegħda taqdi l-obbligi legali tagħha fil-konfront tal-appellati. Il-Qorti tqis li mhuwiex ġust li s-soċjetà appellanta tinvoka l-applikazzjoni tal-artikolu 27 tal-Kap. 452 favur tagħha, għaliex f'dan il-każ la kien hemm l-għarfien tal-ħaddiema jew tar-rappreżentanti tagħhom għal dawn id-diskrepanzi, u lanqas ma kien hemm il-possibilità li l-appellati xi darba jaslu li jieħdu l-ogħla skala tas-salarju li kienu qegħdin jieħdu ħaddiema oħra fl-istess grad. Għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**